# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
***CITTÀ FERDINAND***

## MINUTI

## SEDUTA NRU 271 – It-Tnejn 30 ta' Settembru, 2013 (b'urġenza)

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## ASSENTI SKUŻATI

Il-Kunsilliera Mariette Borg
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier Mario Cachia

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rċieva komunikat mingħand l-imsemmija kunsilliera fejn qalu li minħabba li l-avviż tas-seduta wasal f'ħin qasir, talbu li jkunu skużati. Is-Sindku ippropona li din it-talba għandha tintlaqa'.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## Mozzjoni
Is-Sindku qal li wara li flimkien mal-Kunsillier Nicholas Cassar iltaqa' ma' rappreżentanti tal-bdiewa li għandhom ir-raba' fl-inħawi magħruf bħala Tad-Dikkiena, ħass li għandu jlaqqa' l-Kunsill b'mod urġenti biex jiddiskuti dil-mozzjoni li kien qed jipproponi u li taqra,

"Billi l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għandha quddiema applikazzjoni bin- numru ta' referenza PA/02253/13 deskritta bħala *To construct poultry farm plus other farm related amenities* fir-raba' magħruf bħala Tad-Dikkiena li jinsab fil-limiti tal-lokalità tas- Siġġiewi;

"U billi l-iżvilupp kif propost fl-applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA/02253/13 mhux kompatibbli mal-ambjent rurali taż-żona u ser ikollu impatt negattiv fuq il-lokalità tas- Siġġiewi;

"U billi l-bdiewa u diversi persuni oħra li għandhom raba' fiż-żona magħrufa bħala Tad- Dikkiena li tinsab fil-limiti tas-Siġġiewi, esprimew l-inkwiet u t-tħassib tagħhom dwar l-impatt negattiv li l-iżvilupp propost ser ikollu jekk l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l- Ippjanar tapprova l-applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA/02253/13;

"U billi r-Regolament numru 6 tar-Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Proċedura ta' Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Relattiva) (Leġislazzjoni Sussidjarja 504.103) jipprovdi li:

> *(1) L-Awtorità għandha tippubblika l-proposta flimkien mal-isem tal-applikant fil-gazzetti lokali u tara li jiġu riklamati permezz ta' avviż li jitwaħħal fis-sit.*
>
> *(2) L-Awtorità għandha tkun responsabbli biex jitwaħħlu l-avviżi fis-sit u l- applikant għandu jkun responsabbli biex jiżgura li l-avviż jibqa' mwaħħal fis-sit għall-perjodu stipulat fl-imsemmi avviż. L-Awtorità għandha twaħħal ukoll avviż tal-applikazzjonijiet għall-iżvilupp ippreżentati fil-lokalità fuq kull notice board li jintgħamel disponibbli għal dak l-għan mill-kunsill lokali ta' dik il-lokalità.*

"U billi jirriżulta li fis-sit indikat fl-applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA/02253/13 twaħħlu żewġ avviżi, liema avviżi damu mwaħħla għall-perjodu li huwa ferm inqas minn dak stabbilit mil-liġi u dan b'mod illi l-bdiewa u persuni oħra li għandhom raba' viċin is-sit indikat fl-applikazzjoni ma setgħux ikunu mgħarrfa kif suppost;

"U billi r-Regolament numru 6(5) tar-Regolamenti dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Proċedura ta' Applikazzjonijiet u d-Deċiżjoni Relattiva) (Leġislazzjoni Sussidjarja 504.103) jipprovdi li:

> *Mingħajr preġudizzju għal dak hawn qabel imsemmi, kopja ta' kull applikazzjoni u l-pjanta relattiva tas-sit għandhom jiġu notifikati il-kunsill lokali mill-Awtorità fil-lokalità fejn ikun qed jiġi propost li jsir l-iżvilupp.*

"U billi jirriżulta wkoll li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ippjanar naqset milli tinnotifika lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi dwar l-applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA/02253/13;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali Siġġiewi mlaqqa' illum it-Tnejn, 30 ta' Settembru 2013, irriżolvi li joġġezzjona mal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fir-rigward tal-iżvilupp propost fl-applikazzjoni li għandha n-numru ta' referenza PA/02253/13 minħabba li l-iżvilupp propost mhux kompatibbli mal-ambjent rurali taż-żona kif ukoll ser ikollu impatt negattiv fuq il-lokalità tas-Siġġiewi minħabba:

1. Irwejjaħ ikkawżati mill-ammonti konsidervoli ta' tiġieg li ser ikunu qegħdin jitrabbew fir- razzett li qiegħed ikun propost li jinbena fir-raba' magħruf bħala Tad-Dikkiena fil-limiti tas-Siġġiewi;

2. Impatt viżwali negattiv kemm minħabba l-bini tal-erba' tined għat-trobbija tat-tiġieġ kif ukoll minħabba l-bini ta' razzett u faċilitajiet marbuta miegħu;

3. Impatt negattiv li ser ikollu l-proġett fuq id-Dar tal-Providenza, ir-residenti u l-ħaddiema tagħha, liema residenza tinsab ftit 'il bogħod mil-konfini tas-sit fejn qiegħed jiġi propost li jitwettaq l-iżvilupp;

4. Riskju ta' kontaminazzjoni fl-ilma minn tnixxija u tixrid ta' sustanzi fl-ambjent tal- madwar u partikolarment fil-wied magħruf bħala Tal-Lewża; u

5. Impatt negattiv fuq il-binja rurali antika li tinsab viċin ferm tas-sit indikat fl-applikazzjoni.

"Jirriżolvi li jitlob lill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman sabiex jinvestiga n-nuqqas tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li tinnotifika lill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi rigward l-applikazzjoni bin-numru ta' referenza PA/02253/13 kif ukoll in-nuqqas li l-avviżi mwaħħla fis-sit tal-appplikazzjoni damu hekk mwaħħla għall-perjodu ferm inqas minn dak stabbilit mil-liġi.

"Jeżiġi li l-oġġezzjoni tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għall-applikazzjoni li għandha n-numru ta' referenza PA/02253/13 u kif imfissra f'din ir-riżoluzzjoni, għandha tiġi kkunsidrata bħala magħmula fiż-żmien konċess mill-liġi u li l-istess Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għandu jiġi kkunsidrat bħala terza persuna interessata fi kwalunkwe stadju tal-ipproċċesar tal-imsemmija applikazzjoni mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

"Jirriżolvi li jieħu dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex l-imsemmija applikazzjoni ma tiġix approvata mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, inkluż iżda mhux biss, billi jagħmel rappreżentazzjonijiet ulterjuri, jippreżenta appell mid-deċiżjoni ta' l-Awtorità ta' l-Ambjent u l-Ippjanar u jadotta kwalunkwe proċedura oħra li tipprovdi l-liġi f'każ li l-applikazzjoni tiġi aċċettata u jinħareġ permess għall-iżvilupp."

Kopja ta' din ir-riżoluzzjoni kif approvata għandha tintbagħat b'mod immedjat lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, lis-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva, lis-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, Sajd u Drittijiet tal-Annimali, lill-Membri Parlamentari kollha eletti mid-distrett li minnu jifforma parti s-Siġġiewi, lill-Kummissarju għall-Ambjent u l-Ippjanar fi ħdan l-Uffiċċju tal-Ombudsman, lid-Direttur tad-Dar tal-Providenza Fr Martin Micallef, lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi, lill-għaqdiet kollha non-governattivi li għandhom bħala għan tagħhom il-ħarsien tal-ambjent kemm dawk imwaqqfa fuq bażi lokali kif ukoll dawk imwaqqfa fuq bażi nazzjonali, titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill, kif ukoll bħala stqarrija għall-istampa mill-Kunsill Lokali Siġġiewi.

Il-mozzjoni ġiet sekondata mill-Kunsillier Nicholas Cassar.

Wara li ġiet diskussa, il-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fis.7.30pm.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 28 t'Ottubru, 2013.**